# MALTA MISSJUNARJA – It-8 PARTI


Malta Missjunarja

PERJODIKU
tal-Kunsill Ċentrali
ta' l-Opri Pontificji Missjunarji
F'MALTA.

IL-GHAXAR SENA N. 10.

GHADD TA' OTTUBRU 1942.

Faċċata tal-perjodiku Malta Missjunarja (Sena X, Ott. 1942, nru 10)

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

(Din il-lista tkompli ma' xogħlijiet oħrajn li dehru bejn l-1942-46) Matul l-1942 komplew jidhru aktar poeżiji: *F'Mejju 1942* (Sena X, Mejju 1942, nru 5, p.59), datata 9.5.1942, b'disa' strofi endekasillabi u rima abċb, u Inqumu (Sena X, Ottubru 1942, nru 10, p.92), b'10 strofi endekasillabi u rima alternata – it-tnejn tal-kjeriku V.D.Ciappara. Bejn l-1943-6 dehru aktar poeżiji: *Il-Qalb ta' Ġesù* (Sena XI, Lul.-Aww. 1943, nri 7-8, p.29) ta' R. Mifsud Bonnici, b'sitt strofi ottonarji u s-soltu rima, datata 30 ta' Ġunju 1942; *Kull Qalb Trid Oħra* (Sena XII, Lulju-Awwissu 1944, nri 7-8, p.29), poeżija twila ta' G.S. li tinsab fil-paġna 'Din Għalikom, Tfal'; *Xewqa* (Sena XIII, Marzu 1945, nru 3, p.24), poeżija fi tliet taqsimiet ta' Dun Frans Camilleri (1919-1990); *Salve Regina* (Sena XIII, Aww. 1945, nru 3, p.101), sunett Petrarkan ta' V.C.; Il-Milied (Sena XIII, Diċ. 1945, nru 12, p.168), poeżija ta' P.M.C. b'ħames strofi ottonarji u rima abċb; *Missjunarju* (Sena XIV, Mar. 1946, nru 3, p.37) sunett Ingliż ta' F.R.M. O.S.A.; Malta u Jhansi (Sena XIV, Ġun. 1946, nru 6, p.87), poeżija ta' F. Sant, magħmula l-Imsida u datata 7.4.46, bi 12-il strofa ottonarja u rima abċb; *Ġol-Ġnejna tar-Ružarju* (Sena XIV, Ott. 1946, nru 10, p.154), poeżija b'seba' strofi endekasillabi u rima abċb, datata 4 ta' Settembru, 1946 u *Requiem Æternam* dona eis, Domine! (Sena XIV, Nov. 1946, nru 11, p.164), sunett Ingliż, it-tnejn mill-pinna ta' P. Aquilina; *Fil-Milied* (Sena XIV, Diċ. 1946, nru 12, p.181), sunett Taljan ta' Kan. V. Ciappara.

Żewġ editorjali t'importanza fejn tidħol l-istorja tal-perjodiku Malta Missjunarja huma: (1) *"Contra spem in spem"* (Sena X, Aww.-Sett. 1942, nri



Mons. Profs. Luigi Catania (1898-1943) - il-ġawhra tas-Saċerdozju f'Malta

8-9, p.73), fejn jitkellem dwar id-diffikultajiet marbutin mar-rivista f'dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas ta' karta, dewmien fil-ħruġ tagħha, tibdil ta' post tal-imsehbin, taqsim u tneħħija tal-kurrent elettriku mill-istamperija minħabba l-Gwerra; (2) *It-Telfa tad-Direttur Djoċesan: Mons. Luigi Catania* (Sena XI, Lul.-Aww. 1943, nri 7-8, p.25), jitkellem fuq it-telfa tiegħu bħala Direttur Djoċesan tal-Opri Miss. Pont. u tal-Unjoni Miss. tal-Kleru f'Malta. Huwa kien miet qasir il-għomor il-Ħamis 29 ta' Lulju 1943 fl-Istitut tas-Sacred Heart f'Tas-Sliema fejn kien qed jagħmel il-prietki tal-irtir. Għad li twieled Ħal Għargħur, Mons. Profs. Luigi Catania (1898-1943) trabba ż-Żurrieq. Studja s-Seminarju u l-universitajiet ta' Malta u dik Gregorjana ta' Ruma. Wara li ordna saċerdot fl-1922, sar kappillan ta' Ħaż-Żabbar (1925-35), beda jgħallem it-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta (1934), inħatar Kanonku Koadjutur tal-Kapitlu tal-Katidral (1937) u Kanonku Regolari (1938), laħaq Direttur Djoċesan tal-Uffiċċju Pontifiċju tal-Missjonijiet f'Malta wara Mons. C. Zammit, laħaq Rettur tal-Missjoni l-Kbira u ta' San Kalċedonju, kif ukoll Direttur Spiritwali tal-Korp tal-Pulizija u tal-MUT. Kien meqjus bħala 'il-ġawhra tas-Saċerdozju f'Malta'.



Mons. Anton Cilia - Direttur Djoċesan bejn l-1950 u l-1979

Artiklu interessanti ieħor huwa dwar *Id-Direttur Djoċesan Ġdid – Dun Anton Cilia B.A., BL. Can., D.D.:* (Sena XI, Sett.-Ott. 1943, nri 9-10, p.34). Id-Direzzjoni tar-rivista tittratta l-ħatra tiegħu bħala d-Direttur Djoċesan il-ġdid ta' Malta, li ġiet wara l-mewt ta' Mons. Prof. C. Zammit (1882-1934) u dik ta' Mons. Prof. L. Catania (1898-1943). Il-ħatra tiegħu mingħand l-Isqof, għad li ġiet fl-eqqel tal-gwerra, kienet waħda providenzjali; bosta inizjattivi missjunarji kienu opra tiegħu esklussiva anki jekk kienu jidhru oħrajn minfloku, biż-żewġ predeċessuri tiegħu jirrikorru lejh għall-organizzazzjoni tat-Tliet Opri Pontifiċji Missjunarji f'Malta. Iżda biex dan kollu rnexxa ħadem mhux biss bil-moħħ, iżda wkoll bil-pinna, bil-ħalq u bil-ħidma li ma tafx mistrieħ. Dun Anton Cilia kien ukoll l-ewwel prefett ta' Dun Anton Xiberras meta dan tal-aħħar daħal is-seminarju fl-1934.

Editorjal interessanti ieħor iġib l-isem ta' *Għeluq Tnax-il Sena* (Sena XII, Settembru 1944, nru 9, pp.33-4) fejn jitkellem fl-okkażjoni tal-anniversarju ta' MM: (1) **L-Ewwel Ħarġa:** Ifakkar kif fl-1932 'għamlet l-ewwel dehra tagħha f'Malta f'żewġ edizzjonijiet mill-isbaħ' fejn 'mill-ewwel għadd




Riklam antik kif deher f'wieħed mill-għaddijiet ta' Malta Missjunarja

tagħha mhux biss kisbet il-primat dwar l-għadd tal-abbunati, iżda tat xejra ġdida lill-perjodiku reliġjuż.' Hu jkompli jgħarrafna li fi 12-il sena nbiegħu mal-miljun kopja, b'madwar 8,000 waħda fix-xahar, u li sa dakinhar laħqu nbidlu żewġ diretturi u tliet amministraturi; (2) **L-Aħjar Perjodiku:** 'Il-ħsieb tad-diretturi ta' MM kien dejjem, li barra li bih jagħmlu propaganda għat-tliet Opri Missjunarji Pontifiċji – li huwa l-organu tagħhom – jagħtu 'l-qarrejja l-aħjar perjodiku bl-irħas prezz possibbli.' Dit-tradizzjoni nkisret xi ftit matul il-gwerra. Infatti, f'Awwissu tal-1942 il-perjodiku ħareġ b'16-il paġna biss minħabba n-nuqqas tal-karta, u sena wara niżel għal tmienja u beda joħroġ kull xahrejn, anki jekk bl-istess prezz. Madankollu, fl-okkażjoni t'għeluq it-12-il sena ħajja, l-editur ħabbar li l-perjodiku kien sejjer jerġa' jibda joħroġ kull xahar u b'aktar paġni li kieku l-karta ma baqgħetx għolja infern.'; (3) **Qatt Ma Waqfet:** Il-perjodiku baqa' joħroġ anki waqt il-blitz, grazzi għaż-żelaturi u ż-żelatriċi, li 'bl-ikbar sagrifiċċji ma naqsu qatt mit-tħabrik tagħhom u wettqu d-dmirijiet tagħhom bl-ikbar rettezza u mħabba li kienet tedifika lill-istess mexxejja, mhux biss tal-perjodiku, imma wkoll lid-diretturi tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.' L-editur kompla jħeġġiġhom biex ixerrduha iżjed 'issa li għandna l-karta' u wegħedhom li r-rivista kienet se tibda tidher bl-istampi u b'aktar paġni; (4) **Kull Xahar Mill-Ġdid:** Għalih, kienet ir-rieda qawwija min-naħa tad-direzzjoni, il-qarrejja ta' MM u l-ħbieb tal-missjoni li qawwew qalb ir-rivista, u fuq kollox, l-għajnuna li rċeviet mis-sema, li ħarġuha rebbieħa fuq kull tfixkil, 'mhux biss tal-biża' tal-bombi, iżda wkoll tan-nuqqas tal-karta.' Mix-xahar t'Ottubru 1944, ir-rivista kellha terġa' tibda toħroġ kull xahar, anki jekk mhux mill-ewwel b'ħafna paġni u bl-istampi bħal qabel; (5) **Il-Ġid Li Sar:** L-editorjal ifisser il-ġid li għamlet ir-rivista: kien biżżejjed għal kopja waħda f'idejn persuna 'biex hija fetħet idejha b'ġenerożità kbira mal-missjoni.' Id-direzzjoni taf li kull min iħobb tassew il-missjoni żgur li għandu għal qalbu r-rivista. Ix-xewqa aħħarija tal-editorjal hija 'li r-rivista tidħol f' dawk il-ftit postijiet fejn ma dehritx iżjed fil-gwerra u f'kull parroċċa ta' Malta u Għawdex' u li 'żżid ħafn'iktar l- abbunati u l-qarrejja tagħha.' ■